



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

**2009/2105(INI)**

5.2.2010

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-politika dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli: liema strateġija għandna nsegwu?  
(2009/2105(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Pilar Ayuso

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jitlob li tissaħħaħ il-Politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-Kwalità peress li din tirrappreżenta inċentiv sinifikanti sabiex il-produtturi Ewropej itejbu l-isforzi tagħhom fl-oqsma tal-kwalità, tas-sikurezza tal-ikel u tar-rispett tal-ambjent; iqis li din il-politika tista' tikkontribwixxi sabiex jittejjeb b'mod sustanzjali l-valur miżjud tal-produzzjoni agrikola tal-ikel Ewropea f'suq li kulma jmur qed isir iktar globalizzat;
2. Jenfasizza l-importanza tal-produzzjoni ta' kwalità fiż-żamma tat-tessut ekonomiku, soċjali u kulturali ta' ħafna reġjuni rurali Ewropej, u jissottolinja l-ħtieġa li jiġi preservat dan il-wirt, b'mod partikolari fir-reġjuni li għandhom ftit alternattivi ta' produzzjoni;
3. Jiddispijaċi li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, minħabba simplifikazzjoni li tista' tirriżulta kontraproductiva, tqis parzjalment il-ħtiġijiet speċifikati mis-setturi kkonċernati wara l-pubblikazzjoni tal-Green Paper;
4. Jiffavorixxi ż-żamma tad-distinzjoni bejn is-sistema ta' Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u dik ta' Indikazzjonijiet ta' Oriġini Protetti biex ikun evitat li jitbaxxew ir-rekwiżiti li l-produtturi Ewropej huma mitluba li jissodisfaw, u biex tkompli tkun żgurata rabta qawwija mat-territorju; jappoġġja, madankollu, il-miżuri kollha li jiggarrantixxu informazzjoni ċara għall-konsumatur Ewropew;
5. Jirrifjuta l-idea li s-sistemi ta' reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbejjed, tax-xorb alkoħoliku u tal-ikel jingħaqdu flimkien, fid-dawl tal-ħtieġa li jinżamm l-elementi speċifiċi ta' kull wieħed minnhom;
6. Iqis li l-introduzzjoni ta' livelli differenti ta' protezzjoni tad-denominazzjonijiet Ewropej ta' kwalità tista' twassal għal sitwazzjonijiet inġusti, speċjalment jekk sabiex isir dan jitqiesu b'mod predominanti kriterji ekonomiċi; iqis, għaldaqstant, li l-indikazzjonijiet ġeografiċi kollha għandu jkollhom l-istess grad ta' rikonoxximent;
7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex tinnegozja l-ħolqien ta' reġistru internazzjonali ta' indikazzjonijiet ġeografiċi fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tinkludi l-indikazzjonijiet ġeografiċi fil-Ftehim Kummerċjali Kontra l-Iffalsifikar u fil-qafas tal-attività tal-Osservatorju Ewropew tal-Iffalsifikar u l-Piraterija li se jinħoloq fil-futur;
8. Jenfasizza li fin-negozjati tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-Kummissjoni għandha tipprova tilħaq ftehim dwar 'il-kwistjonijiet mhux relatati mal-kummerċ', ftehim li jiżgura li, fl-oqsma tas-sikurezza tal-ikel, il-benesseri tal-annimali u l-ħarsien ambjentali, il-prodotti agrikoli importati jissodisfaw l-istess rekwiżiti tal-UE bħal dawk imposti fuq il-prodotti agrikoli prodotti fl-UE;
9. Jiffavorixxi l-indikazzjoni volontarja tal-oriġini tal-materji primi fl-ikel proċessat u

jopponi l-indikazzjoni obbligatorja tal-post minn fejn ikunu għejjin il-prodotti agrikoli f'ikel proċessat u f'ikel mhux proċessat, minħabba l-ispejjeż għoljin li jkollha ġġarrab l-industrija Ewropea, spejjeż li huma sproporzjonati meta jitqabblu mal-valur miżjud li tista' ġġib din il-miżura; hu konxju mill-fatt li l-industrija Ewropea diġà għandha tissodisfa rekwiżiti stretti fil-qasam tat-tikkettar biex tagħti informazzjoni eżatta lill-konsumatur; iqis li l-indikazzjoni volontarja tal-oriġini tal-materji primi m'għandhiex tfixxkel it-tħaddim tas-suq intern;

10. Iqis li l-politika dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli, pereżempju fil-qasam tat-tikkettar, għandha tkun koerenti ma' dispożizzjonijiet leġislattivi oħra relevanti tal-UE; iqis li l-politika dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli għandha titwettaq b'mod li jqis il-prezz ta' politika ġdida, kif ukoll l-ispeċifitàjiet ta' setturi partikulari, bħas-settur tal-prodotti agrikoli proċessati;
11. Iqis li l-istandards kummerċjali Komunitarji għandhom irwol importanti fil-katina tal-produzzjoni, billi dawn jikkontribwixxu għat-trasparenza fis-suq u għal regoli ġusti tal-kompetizzjoni filwaqt li, barra minn hekk, jagħmluha faċli għall-konsumatur li jqabbel il-prezz, id-daqs u l-kwalità tal-prodotti; jitlob, għalhekk, li jinżammu u jissaħħu l-istandards kummerċjali Komunitarji, u ma jaqbilx li dawn l-istandards jiġu f'fissati minn korpi privati;
12. Jiddispijaċih li l-Kummissjoni Ewropea, minkejja l-oppożizzjoni tal-maġġoranza tal-Istati Membri, diġà bdiet b'mod prattiku telimina l-istandards Komunitarji tal-kummerċjalizzazzjoni fis-settur tal-frott u tal-ħaxix, mingħajr ma stenniet ir-riżultat finali tad-dibattitu dwar il-futur tal-Politika ta' Kwalità tal-Unjoni Ewropea, u b'hekk ipperikolat id-deċizzjonijiet li se jadottaw il-Kunsill tal-Ministri tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew f'dan il-qasam b'mod partikolari;
13. Iqis li l-prodotti agrikoli tal-UE fihom infushom jilhq standard ta' kwalità, minħabba li jsiru skont id-dispożizzjonijiet leġislattivi tal-UE dwar il-kwalità tal-prodotti, il-produzzjoni sostenibbli u kriterji ambjentali u tas-saħħa (konformità inkroċjata); hu tal-fehma, barra minn hekk, li l-pajsaġġi kulturali tal-Ewropa jiġu kkonservati permezz tat-tkabbir ta' prodotti agrikoli; isostni li, minħabba dawn ir-rekwiżiti, għandha tkun possibbli tikketta tal-kwalità bil-kliem 'imkabbar (prodott, magħmul) fl-Ewropa';
14. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li toħloq logo organiku ġdid tal-UE li jagħmilha possibbli li jitneħħew l-ostakli fil-kummerċ ta' dawn il-prodotti fis-suq uniku; jiffavorixxi wkoll il-fatt li jiġu adottati l-inizjattivi neċessarji biex jiġi promoss il-kummerċ tal-prodotti organiċi fil-livell internazzjonali; iqis li prodotti minn pajjiżi terzi għandhom jissodisfaw l-istess rekwiżiti li se jkunu koperti permezz tal-logo l-ġdid tal-UE għal prodotti organiċi, u li l-kontrolli għandhom jissaħħu;
15. Iqis li huwa meħtieġ li jiġi promoss it-tikkettar volontarju ta' sistemi oħra ta' produzzjoni li jirrispettaw lill-ambjent u lill-annimali, bħalma hu l-każ tal-'produzzjoni integrata', r-'raġġa fil-beraħ' u tal-'agrikoltura tal-muntanji';
16. Iqis li huwa importanti li jkun hemm definizzjonijiet uniformi għall-informazzjoni addizzjonali provduta, bħal pereżempju l-marka tal-karbonju;

17. Jemmen li għandhom jitqiesu wkoll metodi alternattivi ta' għoti ta' informazzjoni, bħal pereżempju bl-internet jew fuq l-irċevuta;
18. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ddaħħal linji gwida dwar il-prassi tajba, f'kollaborazzjoni mal-partijiet interessati, sabiex tistandardizza kemm jista' jkun iċ-ċertifikazzjonijiet privati tal-kwalità, bil-għan li tiffaċilita l-adattament tal-produtturi għas-sistemi differenti eżistenti, iddaħħal ir-rikonossiment reċiproku u tnaqqas kemm jista' jkun id-differenzi bejn is-sistemi privati u uffiċjali ta' ċertifikazzjoni f'oqsma bħal, pereżempju, ir-reqwiziti ambjentali;
19. Jiddispijaċih li l-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha ma tagħmilx referenza għan-neċessità li jiġu promossi l-miżuri ta' promozzjoni, li huma tant meħtieġa biex tkun żgurata l-profittabilità tal-isforzi li jsiru mill-bdiewa Ewropej fil-qasam tal-kwalità, tas-sikurezza tal-ikel u tal-ambjent; iqis li l-istrumenti ta' promozzjoni li għandha l-Unjoni Ewropea għandhom jiġu reveduti biex tittejjeb l-effiċjenza tagħhom; jipproponi, f'dan ir-rigward, li l-għajnuniet għall-promozzjoni li ddaħħlu dan l-aħħar fis-settur tal-inbid jiġu estenzi għas-suq tal-Unjoni Ewropea;
20. Jilqa' l-ħolqien ta' termini riservati fakultattivi ġodda, bħal 'agrikoltura tal-muntanji', u jitlob li dan ikun akkumpanjat minn kampanja xierqa ta' informazzjoni għall-konsumatur;

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	27.1.2010
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 51 -: 5 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	János Áder, Elena Oana Antonescu, Kriton Arsenis, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sandrine Bélier, Sergio Berlato, Milan Cabrnoch, Martin Callanan, Nessa Childers, Chris Davies, Bairbre de Brún, Esther de Lange, Bas Eickhout, Edite Estrela, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Karin Kadenbach, Christa Kläß, Jo Leinen, Corinne Lepage, Peter Liese, Kartika Tamara Liotard, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Antonyia Parvanova, Andres Perello Rodriguez, Sirpa Pietikäinen, Mario Pirillo, Pavel Poc, Vittorio Prodi, Oreste Rossi, Dagmar Roth-Behrendt, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Bogusław Sonik, Catherine Soullie, Salvatore Tatarella, Åsa Westlund, Glenis Willmott, Marina Yannakoudakis
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Cristian Silviu Buşoi, Bill Newton Dunn, Crescenzo Rivellini, Renate Sommer, Struan Stevenson, Michail Tremopoulos, Anna Záborská